



Brussell, 7 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13104/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0104(COD)**

ENV 951
IND 381
AGRI 496
COMPET 756
COMER 113
SAN 544
MI 705
CONSOM 245
ENT 133
CODEC 1403

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8064/1/22 REV 1 - (COM 2022) 156 final/3
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fil-5 ta' April 2022, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta biex tirrevedi d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED). Bħala l-għodda ewlenija tal-UE għall-kontroll tal-emissjonijiet minn installazzjonijiet industrijali, l-IED hija element importanti tal-inizjattiva tal-Patt Ekoloġiku. Fl-istess jum, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament dwar ir-rappurtar ta' data ambjentali minn installazzjonijiet industrijali u l-istabbiliment ta' Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali.

2. Fis-26 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat iż-żewġ proposti lill-Kunsill Ambjent, il-formazzjoni ewlenija tal-Kunsill. Fis-26 ta' Settembru, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti taħt "Affarijiet oħra" fil-Kunsill Agrikolu, u tat lill-Ministri l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-aspetti agrikoli tal-proposti.
3. Filwaqt li bdew taħt il-Presidenza Franċiża u komplew taħt il-Presidenza Ċeka, il-korpi preparatorji tal-Kunsill iltaqgħu biex jeżaminaw aktar il-proposti.
4. Sabiex tiggwida d-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-aspetti tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali relatati mal-agrikoltura u l-pieni fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) fl-24 ta' Ottubru 2022, il-Presidenza fasslet nota ta' informazzjoni b'żewġ mistoqsijiet kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jieħu nota tan-nota ta' informazzjoni u l-mistoqsijiet tal-Presidenza u jgħaddihom lill-Kunsill bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni msemmi hawn fuq.

Laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri għall-Ambjent

24 ta' Ottubru 2022

- Dibattitu ta' orjentazzjoni -

Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED)

Dokument ta' Informazzjoni tal-Presidenza b'Mistoqsijiet għall-Ministri

Id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali hija l-istrument regolatorju Ewropew ewlieni fil-qasam tat-tniġġis industrijali. Il-prinċipju bażiku huwa l-implimentazzjoni tal-aħjar tekniki disponibbli. Għaldaqstant, id-Direttiva tindirizza, minn naħa, l-attivitajiet industrijali u agrikoli definiti fil-livell nazzjonali permessi mil-lat operazzjonali u, min-naħa l-oħra, l-iżvilupp tal-pedamenti ewlenin għall-permessi u l-iffissar tal-limiti ta' emissjonijiet - id-dokumenti ta' riferiment u l-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli. Fl-Unjoni Ewropea, madwar 52 000 installazzjoni huma rregolati mid-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, li minnhom madwar 39 % huma azjendi agrikoli industrijali. Il-proposta l-għdida timmodifika r-regoli eżistenti għar-reġim tal-permessi u testendi l-kamp ta' applikazzjoni għal attivitajiet ġodda, inkluż fil-qasam tal-agrikoltura.

L-intenzjoni tal-Presidenza kienet, bħala l-ewwel pass, li tippermetti fehim massimu tal-bidliet proposti kollha u l-impatt tagħhom fuq is-setturi kkonċernati. Abbażi tad-diskussjonijiet li saru fil-livell tekniku, il-Presidenza issa hija tal-fehma li sabiex il-proposta titmexxa 'l quddiem, il-Kunsill għandu jipprovdi gwida politika għad-direzzjoni tal-ħidma fuq żewġ oqsma essenzjali: bidliet għar-regolamentazzjoni tal-installazzjonijiet fis-settur agrikolu u l-istabbiliment tal-pieni u l-kumpensi.

Agrikoltura

L-attivitajiet tat-trobbija tal-ħnieżer u l-pollam huma l-akbar setturi li bħalissa huma koperti mid-Direttiva. Madankollu, dawn l-azjendi agrikoli jirrappreżentaw biss parti żgħira mis-settur globali tal-bhejjem tal-UE, li min-naħa tiegħu jillimita l-kapaċità tad-Direttiva li tixpruna t-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet tal-metan u tal-ammonijaka li jirriżultaw, fost oħrajn, mit-trobbija tal-ifrat. Fl-istess ħin, it-trobbija tal-bhejjem hija komponent ewlieni tas-sigurtà tal-ikel tal-UE u l-ekoloġizzazzjoni tagħha hija kruċjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħha.

It-trobbija tal-bhejjem hija wkoll settur ewlieni fir-rigward tal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-istrateġija dwar il-metan, peress li hija responsabbli għal aktar minn nofs l-emissjonijiet globali tal-UE tal-metan u żewġ terzi tal-emissjonijiet tal-ammonijaka.

Wara valutazzjoni tal-impatt, ġie propost li jiġi introdott Kapitolu VIa ġdid fid-Direttiva. Jekk jiġi adottat, dan il-Kapitolu jwassal għal żieda konsiderevoli fl-ġhadd ta' installazzjonijiet tal-bhejjem li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Dan jiġi kkompensat permezz tal-introduzzjoni ta' reġim simplifikat ta' permessi/reġistrazzjoni għal tali azjendi agrikoli inkluż obbligi ta' rapportar, spezzjoni u oħrajn aktar sempliċi kemm għall-operaturi kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Id-diskussjoni fil-Kunsill qajmet tħassib dwar jekk il-proposta kif inhi tilħaqx bilanċ ottimali bejn il-kostijiet u l-benefiċċji.

Pieni u Kumpens

Il-proposta tintroduċi regoli aktar dettaljati dwar il-pieni. Dan sar bl-intenzjoni li jinkiseb livell oġhla ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod olistiku. B'mod partikolari, il-pieni l-ġodda huma proposti li jkunu proporzjonati mal-gravità tal-ksur possibbli tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Direttiva.

Barra minn hekk, ġie introdott rekwiżit għal kumpens f'każ ta' dannu għas-saħħa kkawżat mill-operatur li jonqos milli jikkonforma mar-regoli nazzjonali fis-seħħ għall-implimentazzjoni tad-Direttiva. Dan jinkludi impatti possibbli fuq is-saħħa tal-bniedem u r-riparazzjoni għall-ħsara kkawżata.

Sommarju u mistoqsijiet

Il-Presidenza temmen li dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill ser jippermetti lill-Istati Membri jidderieġu d-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar dawn iż-żewġ elementi importanti tal-proposta. Għalhekk, il-Presidenza tistieden lill-Ministri biex iwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. *Taqbel mal-livell ta' ambizzjoni ambjentali tal-proposta fil-qasam tat-trobbija tal-bhejjem, fejn it-tkabbir tal-kamp ta' applikazzjoni ikun akkumpanjat minn reġim simplifikat ta' permessi/reġistrazzjoni għall-attivitajiet rilevanti?*
2. *Id-Direttiva għandha tintroduċi parametri komuni ta' proporzjonalità għall-istabbiliment ta' pieni u l-iffaċilitar tal-kumpens għal danni għas-saħħa, jew taħseb li huwa aktar xieraq li dan il-qasam jitħalla f'idejn l-Istati Membri?*
